

Il-Ġurnal Uffiċjali C 234

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62

11 ta' Lulju 2019

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

Il-Kunsill

2019/C 234/01

Dikjarazzjonijiet relatati mad-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI

1

MT

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Dikjarazzjonijiet relatati mad-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI ⁽¹⁾

*(2019/C 234/01)***Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Artikolu 9**

Il-Parlament Ewropew jiddispjaċih li, kontra l-proposta oriġinali, id-Direttiva ma tinkludix regoli dwar skadenzi preċiżi u kanali tal-IT għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ta' Stati Membri differenti. Il-Parlament Ewropew jiddispjaċih ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ġie limitat għal każijiet ta' terroriżmu u kriminalità organizzata assoċjata mat-terroriżmu, u ma jkoprix, kif oriġinarjament propost, kull tip ta' reat kriminali serju, li jista' jkollu wkoll effetti detrimentali serji fuq is-soċjetajiet tagħna. Il-Parlament Ewropew ihegġegħ lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid din il-kwistjoni bħala parti mir-rapporti tagħha fuq l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus, u speċifikament bħala parti mill-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 21. Il-Parlament Ewropew se jsegwi u janalizza mill-qrib dawk ir-rapporti u l-valutazzjonijiet u, jekk mehtiegħ, se joħroġ birakkomandazzjonijiet tiegħu stess.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

B'rabta mal-Artikolu 9 tad-Direttiva, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li, għall-kuntrarju tal-proposta oriġinali tagħha, id-Direttiva ma tinkludix regoli dwar skadenzi preċiżi u kanali tal-IT għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ta' Stati Membri differenti. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha wkoll li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ġie limitat għal każijiet ta' terroriżmu u kriminalità organizzata assoċjata mat-terroriżmu, u ma jkoprix it-tipi kollha ta' reati kriminali serji, kif oriġinarjament propost. Il-Kummissjoni ser tkompli tirrifletti fuq il-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet ta' Intelligence Finanzjarja, b'mod partikolari bħala parti mir-rapporti tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus.

⁽¹⁾ ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT